Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 16,540, 18 ta' Novembru, 1997
Taqsima B

A.L. 191 ta' l-1997

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u ta' Bachelor of Science (Honours) in Informatics, Computer Science and Computer Systems Engineering

BIS-SAHHA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 30(5) u 31(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat ta' l-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 31 u 35 ta' dak l-Att:

Titolu u interpretazzjoni

1. (1) Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu r-Regolamenti ta' l-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Bachelor of Science - B.Sc. - u ta' Bachelor of Science (Honours) in Informatics, Computer Science and Computer Systems Engineering.

(2) F'dawn ir-regolamenti, kemm il-darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx xort' oħra-

"il-Bord" ifisser il-bord ta' l-Istudji għall-Information Technology maħtur mis-Senat mill-membri tad-Dipartiment tal-Computer Information Systems, Computer Science u Artificial Intelligence u Communications u Computer Engineering;

"il-Grad", ħlief fejn dan it-terminu huwa wżat speċifikament in konnessjoni għall-grad ordinarju ta' B.Sc. imsemmi f'dawn ir-regolamenti, ifisser il-Grad ta' Bachelor of Science (Honours) - B.Sc. (Hons.) - (Informatics jew Computer Science jew Computer Systems Engineering);

"il-Kors" ifisser il-Kors li jwassal għall-Grad.

Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti japplikaw għall-korsijiet mibdija f'Ottubru 1995 jew wara.

Eliġibilità għall-Grad

3. Biex ikun jista' jingħata l-Grad kandidat għandu:

(a) ikun reġistrat bħala student regolari fil-Kors skond ir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università;

(b) itemm il-kors ta' l-istudji, jikkwalifika fl-eżamijiet u jissodisfa kull rekwiżit ieħor preskritt f'dawn ir-regolamenti; u

(c) jissodisfa kull rekwiżit ieħor preskritt fi statuti u f'regolamenti rilevanti oħra ta' l-Università.

Reġistrazzjoni u ħtiġijiet speċjali tal-Kors

4. (1) Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tal-paragrafu (2) ta' dan ir-regolament, biex kandidat ikun jista' jiġi rreġistrat bħala student regolari fil-Kors għandu, barra li jissodisfa r-rekwiżiti ġenerali tad-dħul speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul ta' l-Università.

(a) għall-korsijiet li jibdew fl-1995 u fl-1996, ikun fil-pussess ta' żewġ *passes* fil-Livell Avvanzat tal-Matrikola fil-grad C jew aħjar fil-

(i) *Pure Mathematics*
(ii) suġġett ieħor mill-lista ta' hawn taħt:

Computing
Applied mathematics
Economics
Chemistry
Philosophy
Information Technology
Biology
English
Music
Physics;

(b) għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 1997 jew wara, kiseb *pass* bi *Credit* jew *Distinction* fil-*Pure Mathematics* u suġġett ieħor inkluż fil-lista murija fis-sotto-paragrafu (a) (ii) ta' dan il-paragrafu hawn fuq, jew, kif approvat mill-Bord, fil-Livell Avvanzat bħala parti mill-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola.

(2) Kandidat, li huwa gradwat ta' Università jew għandu kwalifiki oħra li huma kkunsidrati suffiċjenti, jista' jiġi eżentat mill-Bord tad-Dħul ta' l-Università, fuq il-parir tal-Kumitat tal-bord ta' l-Istudji għad-Dħul, minn kollha jew parti minn dawn ir-rekwiżiti speċjali tal-Kors.

L-istruttura tal-Kors

5. (1) Il-Kors għandu normalment jestendi fuq perijodu ta' erba' snin ta' studji *full-time* u jkun maqsum f'żewġ partijiet: L-Ewwel Parti u t-Tieni Parti.

(2) Fl-ewwel sentejn (l-Ewwel Parti) ġabra ta' taqsimiet għandhom jiġu offruti li jkopru *Informatics, Computer Science* u *Computer Systems Engineering* flimkien ma' xi taqsimiet komplimentarji obbligatorji f'suġġetti mixxelanji bħal Matematika, Statistika, *Operations Research* u *Management*. L-għan ta' l-ewwel sena huwa li tingħata perspettiva wiesgħa ta' kunċetti varji fl-*Information Technology* u kif jirrelataw bejniethom: it-taqsimiet ta' l-ewwel sena huma msemmija bħala *Introductory Units*. It-tieni sena tirfina l-ispirtu ta' l-ewwel sena billi tesponi l-istudenti għall-*foundation topics* f'ċertu detall. It-taqsimiet tat-tieni sena huma referiti bħala *Intermediate Units*.

(3) Sa l-aħħar tat-tieni sena l-kandidati għandhom jiddeċiedu fuq linja speċifika: Informatika, *Computer Science*, jew *Computer Systems Engineering*. Fit-tielet u r-raba' sena (It-Tieni Parti) il-kandidat ikun mistenni jikkonċentra fuq linja speċifika magħżula kif speċifikat fil-paragrafu (6) ta' dan ir-regolament. It-taqsimiet tat-tieni Parti huma magħrufin bħala *Advanced units*. *Advanced units* huma taqsimiet ta' tlett kredti maqsumin f'żewġ partijiet: l-ewwel waħda, li tiswa kredtu wieħed, hija koperta fit-tielet sena (l-ewwel sena tat-Tieni Parti), it-tieni waħda li tiswa żewġ kredti, fir-raba' sena (it-tieni sena tat-Tieni Parti).

(4) Il-Grad ikun ikkwalifikat bl-isem tal-linja magħżula fl-aħħar tat-Tieni Sena: Informatika, *Computer Science* jew *Computer Systems Engineering*.

(5) Id-Dipartimenti tal-*Computer Information Systems, Computer Science and Artificial Intelligence* u *Communication* u *Computer Engineering* ikunu responsabbli, rispettivament, għall-linji fl-Informatika, *Computer Science* u *Computer Systems Engineering*.

(6) Il-Kors jikkonsisti f'taqsimiet studju li għalihom mhux inqas minn 104 kredti għandhom jiġu mogħtija kif ġej:

(a) Fl-ewwel sena, 28 kredtu: 18-il kredtu għall-*Introductory Units*, 4 kredti għat-taqsimiet kumplimentarji obbligatorji u sitt *optional credits* li minnhom wieħed jista' jkun kredtu extra-kurrikulari;

(b) fit-tieni sena, 29 kredtu: 22 kredtu għall-*Intermediate Units*, 6 kredti għat-taqsimiet obbligatorji kumplimentarji u *optional credit* li jista' jkun kredtu extra-kurrikulari;

(ċ) fit-tielet sena, 25 kredtu: 12 li jinkisbu għall-xogħol prattiku assenjat f'dik il-linja, minimu ta' 6 kredti għall-ewwel parti ta' l-*Advanced Units* f'dik il-linja, 6 kredti miksuba mill-ewwel parti tal-*Advanced units* ta' xi linja u *optional credit* li jista' jkun kredtu extra-kurrikulari; u

(d) fir-raba' sena, 22 kredtu: 10 minnhom li jinkisbu għall-proġett estensiv fil-linja magħżula kif inhu approvat mid-Dipartiment rispettiv responsabbli, 8 jew 10 kredti għat-tieni parti tal-*Advanced Units* fil-linja magħżula u 4 jew 2 kredti li jibqa' għat-tieni parti ta' l-*Advanced units* f'xi linja/linji minbarra dik magħżula mill-istudent meta jidħol għat-tieni parti tal-kors.

(7) Il-Bord għandu jagħmel katalgu ta' taqsimiet studju għal kull sena tal-Kors. Il-katalgu għandu jindika l-kredti mogħtija għal kull taqsima studju, liema taqsimiet huma obbligatorji u liema taqsimiet għandhom bżonn pre-rekwiżiti. Il-Bord għandu jippubblika l-katalgu qabel il-bidu ta' kull sena akkademika.

(8) Il-Bord jista' jeżenta kandidat mir-rekwiżit li jikseb taqsima studju jekk hu jkun kiseb mill-Università, jew istituzzjoni rikonoxxuta mis-Senat għal dak il-għan, kwalifika li għaliha l-istudju, fl-opinjoni tal-Bord, huwa għall-inqas ekwivalenti fil-kontenut u livell għal dak meħtieġ għat-taqsima studju rilevanti.

(9) Kandidat ma jistax itemm il-Kors iktar kmieni minn erba' snin jew iktar tard minn ħames snin mill-ewwel reġistrazzjoni, ħlief f'ċirkostanzi speċjali bil-permess tas-Senat, fuq il-parir tal-Bord.

(10) Kull sena tal-Kors tikkonsisti f'żewġ semestri ta' studju segwiti, ħlief fit-tielet u r-raba' sena, minn perijodu ta' mhux inqas minn erba' ġimgħat ta' xogħol fl-industrija ta' l-*Information Technology* fuq il-parir tal-Bord.

Valutazzjoni u progress

6. (1) Il-kredti għandhom jiġu mogħtija skond il-gradi li ġejjin li jibda mill-ogħla mertu u jasal sa l-inqas A, B, C, D u F fejn F tindika li student ikun weħel. Il-gradi jieħdu f'konsiderazzjoni l-ħidma tal-kandidati fix-xogħol fil-Kors, orali u testijiet bil-miktub kif meqjus xieraq mill-Bord fuq il-parir tad-Dipartiment rispettiv responsabbli.

(2) Kandidati li , fi kwalunkwe sena tal-Kors, jeħlu f'taqsimiet ta' studju li għalihom huma assenjati aktar minn 8 kredti, ma għandhomx jitħallew jipproċedu għas-sena ta' wara tal-Kors.

(3) Kandidat li mhuwiex ristrett milli jipproċedi taħt il-paragrafu ta' qabel dan u li ma jirnexxielux jikseb il-kredtu għal taqsima studju fl-ewwel sessjoni jista' jerġa' jkun valutat f'dik it-taqsima studju darba biss. Fir-re-valutazzjoni l-grad mogħti ma jistax jeċċedi l-grad D.

(4) Kandidat li wara re-valutazzjoni jerġa' jeħel f'erbgħa jew iżjed kredti jew ma jirnexxielux itemm b'suċċess xi taqsima studju obbligatorja, ma għandux jitħalla jipproċedi għas-sena li ġejja.

(5) Testijiet riparatorji bil-miktub għandhom isiru f'Settembru biss.

(6) Kandidat li ma jirnexxielux jissodisfa l-ħtiġijiet biex jipproċedi għas-sena li ġejja tal-Kors ikun jista' jitħalla jirrepeti l-programm ta' studju għas-sena, sakemm hu ma jkunx ġa rrepeta xi sena matul il-Kors (minbarra f'ċirkostanzi straordinarji bl-approvazzjoni tas-Senat).

(7) Kandidati li jitħallew jirrepetu xi sena jistgħu fid-diskrezzjoni tal-Bord jiġu eżentati mir-re-valutazzjoni ta' taqsima studju li għaliha kisbu kredtu matul is-sena li weħlu fiha.

(8) Fl-Ewwel Parti l-kandidati għandhom jiġu ttestjati fit-taqsimiet studju mitmuma f'semestru fl-aħħar ta' dak is-semestru.

(9) Kandidat għandu jitħalla jipproċedi għat-Tieni Parti jekk ikun kiseb minimu ta' 53 minn 57 kredtu preskritti fis-sotto-paragrafu (a) u (b) tal-paragrafu (6) tar-regolament 5 inklużi l-kredti kollha obbligatorji. Barra minn dan, il-kandidat għandu jkun temm għas-sodisfazzjon tal-Bord għall-inqas 8 ġimgħat ta' xogħol fl-industrija I.T. skond il-parir tal-Bord.

(10) Fl-ewwel sena tat-Tieni Parti (it-tielet sena) il-kandidati għandhom:

(a) jiksbu it-tnax-il kredtu allokati għal xogħlijiet prattiċi assenjati maħsuba biex jiġbru l-kapaċitajiet prattiċi f'xi linja magħżula. Il-gradi għandhom jiġu assenjati skond il-kwalità ta' rapport miktub li jiddokumenta l-prova magħmula biex jintemmu x-xogħlijiet, il-kwalità ta' artifatti magħmula jew riżultati miksuba u l-ħidma tal-kandidat f'test orali li għandu x'jaqsam mal-materja li tidħol fix-xogħlijiet;

(b) jiksbu minimu ta' 8 minn 12 il-kredtu assenjati lit-taqsimiet studju skond il-ħidma f'testijiet bil-miktub. Taqsimiet studju mtemma f'xi semestru għandhom jiġu ttestjati fl-aħħar ta' dak is-semestru.

(11) Kandidat li ma jirnexxielux jissodisfa l-eżaminatur fix-xogħlijiet prattiċi jista', fid-diskrezzjoni tal-bord jerġa' jiġi eżaminat permezz ta' *viva voce*. Jekk jgħaddi l-ogħla grad li jista' jingħata għandu jkun D. Jekk ma jgħaddix, jeħel għall-Grad tkun xi tkun il-ħidma fil-karti bil-miktub sakemm ma jkunx għadu jista' jagħżel li jirrepeti s-sena u jagħżel li jagħmel hekk.

(12) Kandidat li jeħel f'iktar minn erba' kredti tat-taqsimiet studju tat-tielet sena għandu jeħel fil-Grad sakemm ma jkunx għad għandu l-għażla li jirrepeti s-sena u jagħżel li jagħmel hekk. Ma għandux ikun hemm riparatorji għal kredti tat-tielet sena.

(13) Ix-xogħol ta' kandidat li jissodisfa l-ħtiġijiet tal-paragrafu (10) ta' dan ir-regolament għandu jkun determinat mir-riżultat medju fil-kredti nklużi fl-ewwel tlett snin. Il-kandidati li jiksbu medja ta' grad B jew aħjar fit-taqsimiet studju li jagħmlu fil-linja magħżula fit-tielet sena tal-Kors u medja ta' grad C jew aħjar fit-taqsimiet studju l-oħra kollha inklużi fl-ewwel tlett snin tal-Kors ikunu eliġibbli biex jipproċedu għar-raba' sena tal-Kors. Lista ta' dawk il-kandidati li huma hekk eliġibbli għandha

tiġi ppubblikata. Jekk ikunu nteressati li jipproċedu dawn il-kandidati għandhom jirreġistraw l-intenzjoni tagħhom fi żmien tlett ijiem mill-pubblikazzjoni tal-lista.

(14) Kandidati tat-tielet sena li mhumiex eliġibbli jew li ma jixtiequx jipproċedu għar-raba' sena għandhom jersqu għal eżami sinottiku li jikkonsisti f'tlett karti ta' tlett siegħat għall Grad ordinarju tal-B.Sc. li għandu jiġi kklassifikat b'mod li jibda bl-ogħla mertu u jasal sa l-inqas: kategoriji I, IIA, IIB, III u Weħel. Dawn l-eżamijiet sinottiċi jingħataw piż ta' 50% f'din il-klassifikazzjoni filwaqt li l-ħidma fil-kredti determinata taħt il-paragrafu (13) ta' dan ir-regolament għandha tiġi mogħtija il-piż ta' l-50% l-oħra.

(15) Fit-tieni sena tat-Tieni Parti (ir-raba' sena), il-kandidati għandhom:

(a) jiksbu l-għaxar kredti allokati għal-proġett fil-linja magħżula u l-gradi għandhom jiġu mogħtija skond il-kwalità ta' rapport miktub fuq il-proġett bil-miktub u l-kwalità ta' kull artefatt magħmul jew riżultati;

(b) jgħaddu s-sitt karti ta' l-eżami ta' sagħtejn, waħda minn kull taqsima Avvanzata li huma għażlu u kull Taqsima Avvanzata tassumi li l-kandidat ikun kopra numru ta' *Introductory* u *Intermediate units,* pre-rekwiżiti u għalhekk il-karti ta' l-eżami fir-raba' sena għandhom ikunu sinottiċi fis-sens li huma jassumu l-għarfien ta' materjal relattiv kopert fl-Ewwel Parti u l-ewwel sena tat-Tieni Parti.

(16) Kandidat li ma jirnexxilux jissodisfa l-eżaminaturi fil-proġett, jista' fid-diskrezzjoni tal-Bord, jitħalla jerġa' jissottometti l-proġett jew li jagħmel xi xogħol ieħor xieraq mhux iktar tard mill-aħħar ta' Settembru ta' dik is-sena. Jekk jgħaddi, il-grad massimu li jista' jingħata huwa l-grad D.

(17) Kandidat li jeħel f'mhux iktar minn żewġ eżamijiet bil-miktub jista' jerġa jiġi eżaminat *viva voce*. Jekk kandidat ma jissodisfax l-eżaminaturi permezz ta' l-eżami *viva voce*, jew jekk jeħel f'iktar minn żewġ eżamijiet bil-miktub, ikollu jirrepeti s-sena jekk hu jkun għad għandu dak id-dritt.

(18) Kandidat li ma jirnexxilux jissodisfa l-ħtiġijiet preskritti fil-paragrafu (15) ta' dan ir-regolament minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi (16) u (17) ta' dan ir-regolament, u li diġa eżawrixxa d-dritt li jirrepeti sena ma jingħatax il-Grad. F'dan il-każ ir-riżultat medju tal-kandidat fl-eżamijiet sinottiċi ta' l-aħħar sena finali u fil-proġett tiġi moderata kif xieraq mill-Bord u tingħata piż ta' 50% u testijiet fl-aħħar tal-kredti fl-ewwel tlett snin jingħataw l-50% li jibqa' biex tiġi determinata l-klassifikazzjoni għall-Grad ordinarju ta' B.Sc. fil-kategoriji ndikati fil-paragrafu (14) ta' dan ir-regolament.

(19) Għall-iskopijiet tal-klassifikazzjoni tal-Grad, l-eżamijiet sinottiċi ta' l-aħħar sena u l-proġett għandhom jingħataw l-piż ta' 70% filwaqt li t-testijiet għall kredti għandhom jingħataw il-piż ta' 30%.

Riżultati u l-għoti tal-Grad

7. (1) Il-Grad jingħata lil-kandidati li:

(a) kisbu mhux inqas minn 96 kredti matul il-Kors;

(b) temmu b'suċċess t-taqsimiet studju ndikati bħala obbligatorji mill-Bord; u

(ċ) ssodisfaw r-rekwiżiti ta' l-Eżami.

(2) L-ismijiet tal-kandidati li jikkwalifikaw għall-għoti tal-Grad għandhom jiġu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetika f'waħda minn dawn il-klassifikazzjonijiet:

L-Ewwel Klassi bl-Unuri
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Superjuri)
It-Tieni Klassi bl-Unuri (Taqsima Inferjuri)
It-Tielet Klassi bl-Unuri.